**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Victor Gatt u Charles sive Cali Gatt bin-numri tal-karta tal-identita 405142 M u 714944M rispettivament**

**Vs**

**Werner Stephen Galea u martu Veronica Galea bin-numri tal-karta tal-identita 16472M u 10679M rispettivament**

**Rikors nru 73/17**

Illum 24 ta' April 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Victor Gatt li jaqra hekk:

1. Illi in forza ta' ftehim datat 23 ta' Novembru 2010 ir-rikorrenti kkoncedew titolu ta' lokazzjoni kummercjali lill-intimati il-fond ossia hanut bin-numru tnejn (2) gewwa Old Railway Square, Birkirkara u dan versu l-pattijiet u l-kundizzjonijiet bejn il-partijiet tal-istess skrittura (vide vera kopja tal-ftehim anness u mmarkat bhala Dok A)

2. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond mertu tal-lokazzjoni;

3. Illi l-kera gravanti l-istess fond u li kellha tithallas kull jum kien bir-rata ta' erbatax il-ewro (€14.00) kuljum ghall-ewwel hames snin u ghat-tieni hames snin il-kera kellha tghola u tigi tmintax il-ewro (€18.00) kuljum;

4. Illi r-rikorrenti kienu kkoncedew lill-intimati sabiex ihallsu kera ridotta minn dak stabbilit u ftehim kien li l-intimati ghandhom ihallsu l-ammont ta' tanx il-ewro (€12.00) kuljum;

5. Illi l-ahhar li hallsu l-kera kienet f'Marzu 2015 u hemm skadenzi ta' sitt xhur jigifieri minn April 2015 sa Dicembru 2015 fl-ammont ta' elfejn mija u disghin ewro (€2190) u dan meta hareg mill-fond.

6. Illi r-rikorrenti kienu interpellaw lill-intimati sabiex ihallsu dak dovut u jottemperaw ruhhom mall-iskrittura ta' kera izda sal-lum huma ghadhom inadempjenti (ara kopja tal-ittra annessa u mmarkata bhala Dok B).

7. Illi minhabba l-problemi finanzjarji da parte tal-intimati l-kera ma kientx tithallas u ghaldaqstant r-rikorrenti jiddikjara illi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jaghtu;

8. Illi r-rikorrent jiddikjaraw illi jafu personalment bil-fatti kollha dikjarati u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

9. Illi sa fejn jafu r-rikorrenti l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet u difiza x'jghatu kontra din it-talba u ghaldaqstant il-Bord qed jigi mtlub sabiex jghaddi beix jiddeciedi l-kaz bid-dispensa tas-smiegh skont kif mahsub fl-Artiklu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta necessarja;

1. Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artiklu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimati jhallasu lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn mija u disghin ewro (€2190) u dan ghall-perjodu ta' sitt xhur kera bejn April, 2015 sa Dicembru 2015;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-Ligi.

Ra li l-intimati gew debitament notifikati.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond inkwistjoni u li permezz ta' skrittura tat-23 ta' Novembru 2010 huma krewh lil-intimati skont il-kundizzjonijiet miftehma. Jirrizulta li l-intimati ilhom li hargu mill-fond izda qabel ma hargu kellhom ihallsu ta' sitt xhur kera izda huma naqsu li jaghmlu dan.

Illi permezz ta' nota pprezentati fl-atti l-intimati ammettew it-talbiet tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi, billi fuq ammissjoni jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimati.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**